**Kunsill Lokali Gżira**
283/1 Triq D'Argens, Gżira
Tel 21341034, Fax 21341616

Ref Nru: Klg5/A12-07

11 ta' Diċembru 2007

**Avviż tal-Laqgħa Nru K5/12**

Ser issir laqgħa tal-Kunsill, nhar **il-Ġimgħa 14 ta' Diċembru 2007, fis-1.00 p.m.** fl-uffiċċju tiegħu, 283/1 Triq D'Argens, Gzira.

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Materji Konnessi
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*
5. *Activities Centre* – Introduzzjoni
6. Librar – Introduzzjoni
7. Servizz tal-Knis – Ħdud u Festi
8. Approvazzjoni ta' Wirja Żgħira ta' xogħol t'Arti Astratta u Fulugranu u Korsijiet ta' fulugranu.
9. Approvazzjoni t'estenzjoni tal-korsijiet tal-Ganutell, Crochet, Bizzilla u approvazzjoni ta' l-Għalliema
10. Impenn
11. Affarijiet Oħra
12. Laqgħa Oħra

Il-Pubbliku jista' jattendi għall-laqgħa skond il-liġi tal-Kunsilli Lokali Att XV ta' l-1993.

Dunstan Attard
Viċi-Sindku

Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

# Kunsill Lokali Gżira

29 ta' Jannar 2008

Ref Nru.Klg5/012

Minuti tal-laqgħa Nru.Klg5/12 li saret il-Ġimgħa 14 ta' Diċembru 2007.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju tiegħu 283/1 Triq D'Argens Gżira fis-1.00 p.m.

Preżenti

Ħames membri li kienu s-Sindku Chris Bonett, il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela, Joseph Camilleri u Albert Rizzo flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M. Borg u d-D/Segretarju Eżekuttiv Marion Monaco.

**Skużati:**

Il-Kunsillieri Malcolm Camilleri u Ian Micallef

***Chairman***

Is-Sindku Chris Bonett ppreseda l-laqgħa

**Agenda**

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ħareġ fil-11 ta' Diċembru 2007.

## 1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti

**1.1.** Il-minuti tal-laqgħa li saret il-Ġimgħa 9 ta' Novembru 2007, ttieħdu bħala moqrija u ċ-*Chairman* stieden lill-Kunsillieri jressqu l-korrezzjonijiet tagħhom.

**1.2.** Paġna Nru.2 para 2.1 – it-tweġiba taċ-*Chairman* kellha tkun;

'Iċ-*Chairman* wieġeb li din kienet għada ma ġietx irtirata minħabba l-fatt, li l-Avukat Frank Cassar ma kienx qed jattendi l-Uffiċċju għax mietet Ommu u peress li kien għad hemm xi pendenzi, l-Kunsill kien għad qed jistenna minn għandhom'.

**1.3.** Iċ-*Chairman* ġibed l-attenzjoni li *Request Sheet* Nru: 369 trid tinqara '*Gżira United Football Nursery*' u mhux '*Gżira United Football Club*'.

Dawn l-emendi ġew issekondati mill-Kunsillier Joe Camilleri.

Il-minuti kif emendati ġew approvati unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, issekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri.

**2. Materji Konnessi**

**2.1.** re: paġna Nru.4 para 3.6. Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li għandu jsir *follow up* rigward il-*manhole cover* tal-Maltacom.

**2.2.** re: paġna Nru.5 para 5.2 – il-Kunsillier Anthony Abela qal, li kienet saret laqgħa ma' rappreżentant tad-ditta *Asfaltar Constructions Ltd* (id-ditta li ngħatat it-*Tender GLC05/2007 Patching & Kerb reinstatement Works*) dwar xi xogħol ta' *patching* li kellu jsir qabel il-festi tal-Milied. Huwa kompla jgħid, li minkejja li pprova kemm –il darba jikkuntattja d-ditta hawn fuq msemmija, sallum ma kellux riżultat pożittiv.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li hi wkoll pruvat diversi drabi tikkuntattja lill-Perit Sandra Vassallo u ntbagħtu anke *e-mails,* kienet ikkuntattjat ukoll, lis-Sur Pawlu Magro u dan kellu jibda x-xogħol immedjatament wara li jirċievi d-dokumenti meħtieġa u l-*work orders*, għalkemm huwa qal, li x-xogħol ma kienux ser ilaħquh kollu qabel il-festi. Hi kompliet tgħid li l-Periti Joe Bugeja u Kurt Vella kienu wkoll f'kuntatt ma' din id-ditta.

Iċ-*Chairman* qal, li din is-sitwazzjoni ħolqot preċedent illegali u għalhekk, il-Kunsill jista' jxolji l-kuntratt peress li x-xogħol kien għadu ma bediex.

**2.3.** Il-Viċi-Sindku ta rendikont tax-xogħol li qed isir fil-Librerija Pubblika u qal, li kienu ntbagħtu sitt kwotazzjonijiet għall-*one time cleaning* tagħha. Huwa kompla jgħid, li l-*Bad Boy Cleaners* biss kienu rrispondew u l-prezz kien ta' €163.06 (Lm70) *plus VAT*. Għalhekk, kien qed jissuġġerixxi li jekk il-Kunsill jaqbel ma' dan l-ammont, il-Librerija titnaddaf it-Tnejn 14 ta' Jannar 2008, l-ftuħ isir mis-Sindku flimkien ma' t-tfajla li kellha l-inċident fuq iż-*Zebra Crossing* ta' Triq D'Argens k/ma' Triq Manoel de Vilhena fil-preżenzż ta' l-Onor Ministru ta' l-Edukazzjoni u d-Direttur tad-Dipartiment tal-Bibljoteki u Arkivji, s-Sibt 19 ta' Jannar 2008 kif ukoll, jiġu ordnati għaxar

*signs* żgħar għall-prezz ta' €24.74(Lm10.62) sabiex jitwaħħlu fuq l-ixkaffar bl-isem tat-tema tal-kotba u *sign* ieħor kbir għall-prezz ta' €316.10(Lm135.70) VAT inkluża għall-isem tal-Librerija.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li jinxtraw is-*signs* hawn fuq msemmija, l-Viċi-Sindku jipprepara *draft programe* tal-ftuħ, d-ditta 3D tqassam dan il-programm lir-residenti u jekk kemm –il darba jinqabeż l-ammont ta' €2329.37(Lm1000) li ġie allokat għall-ispejjeż tal-Librerija approvat fil-laqgħa Klg5/09 tal-5 t'Ottubru 2007, il-bilanċ jittieħed mill-allokazzjoni.

Din il-mozzjoni ġiet mressqa mill-Viċi-Sindku, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

**2.4.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsillieri kollha kienu qablu verbalment ma' l-ammont ta' €1164.69(Lm500) li s-Sur Victor Tedesco kien talab sabiex jinstalla tmien stilel u fustan bid-dawl kif ukoll, €116.47(Lm50) lill-Kumitat Festi Esterni biex jiġu nstallati l-arbli fi Triq ix-Xatt għad-dekorazzjonijiet tal-Festi tal-Milied.

**3. Korrispondenza**

**3.1.** Ġiet ppreżentata l-korrispondenza li kienet waslet sa l-14 ta' Diċembru 2007 kif ukoll, ingħatat l-informazzjoni ta' laqgħat u stedin li l-Kunsill għandu ffissati għall-ġranet li ġejjin.

**3.2.** Inqraw l-ittri li rċevejna u dawk li intbagħtu fosthom,

**3.3.** Is-Segretarju Eżekuttiv qrat *e-mail* mibgħuta mill-Kunsill lill-Kunsillier Ian Micallef dwar il-laqgħa tal-Kunsill u r-risposta tiegħu.

**3.4.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li jitħallas l-ammont ta' €381.02(Lm163.57) sabiex b'hekk il-Kunsill ikun onora l-ħlas kollu dovut minnu fir-rispett tal-kawża 1548/00 JRM ċeduta fit-13 ta' Settembru 2007.

**3.5.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Kunsill rċieva *e-mail* mill-Inġ Ronald Calleja rappreżentant tal-GO plc biex isiru *trench works* sabiex jiġi nstallat *fibre optic cable* fi Triq ix-Xatt (minn Triq Bouverie Gżira sa Triq Marina Sliema) u dan ix-xogħol irid ikun lest sa l-aħħar ġimgħa ta' Diċembru 2007. Hi kompliet tgħid, li s-Sur George Schembri tal-*Malta Hotels & Restaurants Association* ma sab ebda oġġezzjoni minħabba l-fatt li dan kien xogħol urġenti filwaqt li Carmen Borg rappreżentanta tal-G.R.T.U. oġġezzjonat minħabba l-fatt, li kien iż-żmien tal-festi tal-Milied u l-kuntrattur ma kkommettiex ruħu li x-xogħol ikun lest sad-data hawn fuq msemmija. Is-Sur Joseph Chircop rappreżentant ta' l-A.D.T. informa permezz ta' *e-mail* li kien ser jinħareġ permess biex ix-xogħlijiet jibdew fit-2 ta' Jannar 2008.

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li fit-2 ta' Jannar 2008, kien ser jibda x-xogħol fi Triq D'Argens Msida.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament li ninfurmaw lill-G.R.T.U. b'din id-data u nitolbu *co-ordination meeting* ma' l-entitajiet konċernati.

**3.6.** Tqassmet *spreadsheet* tal-kwotazzjonijiet tal-*photocopier* għall-Librerija lill-Kunsillieri (ara *Appendix* Nru.I). Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li kienu ntbagħtu tmienja iżda sitta rrispondew.

Matul id-diskussjoni li saret, fejn fost affarijiet oħra l-Kunsillier Joe Camilleri ppropona li aktar milli nixtru, nħallsu fix-xahar u l-manutenzjoni ssir minn min jissupplixxi l-*photocopier*, ġie deċiż li naraw ir-*running costs* u l-ġdida tibqa' l-Kunsill filwaqt dik tal-Kunsill, tittieħed il-Librerija.

**3.7.** Inqrat ittra mibgħuta mill-MEPA datata 5 ta' Diċembru 2007, rigward applikazzjoni biex tittwessa l-bankina u jiitpoġġew ħames imwejjed mill-Milano Due Hotel. Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li għalkemm hu ma jsib ebda oġġezzjoni għall-ħruġ ta' dan il-permess, ġibed l-attenzjoni li Maxims kien applika u t-talba tiegħu ġiet rifjutata.

Wara diskussjoni qasira, ġie deċiż li t-talba lill-MEPA ssir għaż-żewġ entitajiet hawn fuq msemmija.

**3.8.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela li tingħata donazzjoni ta' €116.47(Lm50) lill-*Community Chest Fund*.

**3.9.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li titħallas s-somma ta' €1236.75 (Lm530.94), l-ammont dovut lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-ilma għall-perjodu 08/10/96 sa 28/08/07 għall-kera tal-*meter* fis-sit 123 Triq Cameron Gżira.

**3.10.** Rigward it-talba għal *directional arrow* li saret mill-propjetarji ta' Squizitezza Restaurant li qiegħed fi Triq Reid, il-Kunsill iddeċieda li ssir *U-shape bollard* bħal dik tal-Marcon Boutique u tiġi nstallata ma' ġemba.

**3.11.** Rigward it-talba li saret mis-Sur Michael Stivala, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri li:

l-Kunsill joġġezzjona li jitpoġġa *tower crane* fi Triq Moroni iżda jintuża *mobile crane* minħabba l-fatt, li l-wesgħa tat-triq li jibqa' ma tkunx skond l-ispeċifikazzjonijiet ta' l-A.D.T.

l-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni biex jitpoġġa *tower crane* fi Triq ix-Xatt kemm –il darba tinġieb in-*No Objection* mill-entitajiet kollha konċernati.

Rigward it-*tower cranes* fit-Toroq Reid u Cameron, il-Kunsill kien għadu qed jiddiskuti din il-materja u għalhekk, id-deċiżjoni tingħata aktar 'l quddiem.

l-Kunsill jaqbel li jsir ix-xogħol ta' *asphalt* fi Triq ix-Xatt quddiem il-Lukanda *Bay View*, sakemm il-kuntrattur jimxi mal-kundizzjonijiet maħruġa mill-Perit tal-Kunsill partikularment il-livelli, li jridu jsiru b'kordinazzjoni mal-Perit. Jekk kemm –il darba x-xogħol ma jsirx skond l-ispeċifikazzjonijiet, il-Kunsill jagħmel ix-xogħol a spejjeż tal-Lukanda *Bay View*.

**3.12.** Il-Perit kien qed jirrakkomanda li jsir il-ħlas ta' *Claim 1 & 2* ta' €8000.16 (Lm3,434.47) lid-ditta *Road Maintenance Services Ltd – Embellishment Works at Housing Estate Off Gżira Road.*

Inqrat kopja ta' l-ittra li l-Perit bagħat lil Marisa Darmanin – M.E.P.A. dwar *Planning* Gains rigward is-suġġett hawn fuq msemmi.

Matul id-diskussjoni li saret, fejn fost affarijiet oħra ġie diskuss jekk isirx biss *reinstatement* jew isir *concrete gutter* (spalla tal-konkos taħt il-bankina) tul il-medda tax-xogħol kollu fir-rispett ta' liema, l-Kunsill skond korrispondenza mibgħuta mill-Perit tal-Kunsill, irid jagħmel ħlas addizzjonali ta' €8.15 (Lm3.50) *per linear metre* minħabba l-fatt, li dan ma kienx inkluż fil-*Bill of Quantities* fis-Sejħa Għall-Offerti. Għaldaqstant, il-Perit għandu jissottometti kemm kien il-metraġġ.

Il-Kunsillier Joe Camilleri talab kjarifika jekk il-*claims* tas-Sur Desira kienux jinkludu l-*concrete* tas-*sub flooring* ta' l-entratura minn Triq Manoel de Vilhena minħabba l-fatt, li dan fil-maġġoranza tiegħu ma sarx għaliex kien diġa' lest. Għaldaqstant, il-Perit għandu jivverifika dan qabel ma jsir il-ħlas.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Albert Rizzo mal-ħlas ta' *claim 1 & 2,* hawn fuq msemmija.

**3.13.** Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li kopja tal-korrispondenza kienet disponibbli.

## 4. Approvazzjoni ta' *Request Sheets*

**4.1.** Tressqu r-*Request Sheets* minn Nru. 362 sa Nru. 425 (ara *Appendix* Nru. 2) għall-approvazzjoni tal-Kunsill biex b'hekk ikun jista' jsir il-ħlas tal-kontijiet pendenti jew jiġu riżervati ammonti ta' flus mill-*budget*.

**4.2.** Wara li saru xi kjarifiki mill-Kunsillieri, r-*Request Sheets* minn Nru. 362 sa Nru. 425 ġew approvati unanimament mill-Kunsill b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Albert Rizzo.

**5. *Activities Centre* - Introduzzjoni**

**5.1.** Il-Kunsill ġie nfurmat li tnejn kienu li ssottomettew is-Sejħa għall-Offerti dwar is-suġġett hawn fuq msemmi (ara *Appendix* Nru: 3) li kienu:

D'Aniens Dev. Ltd. – Triq San Albert (*Upper*)

Michael Stivala – 123 Triq Cameron

Wara diskussjoni qasira, ċ-*Chairman* ppropona li jinħatar Kumitat bil-Viċi-Sindku bħala *Chairman* u żewġ Kunsillieri wieħed minn kull naħa bħalma sar preċedentament filwaqt, li l-Viċi-Sindku qal, li l-Kumitat għandu jiddeċiedi kif ser jitqassam u jintuża' dan iċ-Ċentru.

**6. Librar – Introduzzjoni**

**6.1.** Il-Viċi-Sindku qal, li kienu għalqu l-applikazzjonijiet għall-Librar propju l-ġurnata tal-laqgħa jiġifieri, l-14 ta' Diċembru 2007. Huwa kompla jgħid, li tmienja kienu l-applikanti u t-Tnejn 17 ta' Diċembru 2007, fid-09.00 a.m. kellu jiġi d-Direttur tad-Dipartiment tal-Bibljoteki u Arkivji, s-Sur Philip Borg biex janalizza l-applikazzjonijiet.

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman* ssekondata mill-Kunsillier Albert Rizzo, li jagħti d-dritt lill-Bord ta' l-Għażla sabiex jintgħażel il-Librar mingħajr ma jitressqu quddiem il-Kunsill minħabba l-fatt, li minn jintgħażel irid jitħarreġ.

**7. Servizz tal-Knis – Ħdud u Festi**

**7.1.** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet, li l-Kunsillier Ian Micallef permezz ta' *e-mail* xtaq ikun jaf x'kien jgħid it-*tender* dwar is-suġġett hawn fuq msemmi.

Il-Viċi-Sindku qal, li t-*tender* kien l-istess bħal dak tal-Gvern u reġa' ta sintezi tal-minuti tal-laqgħa li kienet saret il-Ġimgħa 30 ta' Novembru 2007, kopja ta' liema minuti, ntbagħtu ma' l-*Agenda* (ara *Appendix* Nru.4).

Matul id-diskussjoni li saret, fejn il-Viċi-Sindku qal, li l-Kunsill jew seta' ma jikkunsidrax it-talba ta' €4,542.28 (Lm1,950.00) minħabba l-fatt, li l-kuntrattur attwali ma għamilx referenza għaliha għaliex assuma li l-Ħadd ma jaħdimx, iżda ma jħossx li tkun opportunibbli meta tqis l-importanza ta' dan is-servizz jew li jikkunsidra li tingħata l-varjazzjoni ta' 10% (fuq l-ammont sottomess) kif jista' jsir skond il-Liġi.

Iċ-*Chairman* qal, li fl-opinjoni tiegħu dan kien każ ġenwin u l-kuntratt jista' jvarja b'10% u invista ta' dak li kien qal il-Viċi-Sindku, hu kien tal-fehma li t-talba tal-kuntrattur għandha tiġi kkunsidrata u dan anke minħabba l-fatt, li l-Kunsillier Malcolm Camilleri għalkemm ma kienx preżenti għall-laqgħa, qabel mal-minuti.

Il-Kunsillier Albert Rizzo qal, li f'dan l-istadju hu ta' l-opinjoni li l-Kunsill għandu jerġa' jara t-*tender* kif ukoll, xtaq jiddiskutiha maż-żewġ Kunsillieri l-oħra jiġifieri l-Kunsillieri Malcolm Camilleri u Ian Micallef u għalhekk, kien qed jissuġġerixxi li din il-materja għandha titressaq fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

La darba l-Kunsillieri espremew l-opinjoni tagħhom, din il-materja tressqet għall-vot b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Anthony Abela.

Ir-riżultat kien, erbgħa favur li kienu ċ-*Chairman* Chris Bonett, l-Viċi-Sindku Dunstan Attard u l-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri filwaqt li l-Kunsillier Albert Rizzo vvota kontra.

Il-Kunsillier Albert Rizzo qal, li hu vvota kontra għar-raġunijiet mogħtija aktar qabel minnu għaliex fl-opinjoni tiegħu din il-materja kellha tiġi trattata fil-laqgħa li jmiss.

## 8. Approvazzjoni ta' Wirja Żgħira ta' xogħol t'Arti Astratta u Filugranu u Korsijiet ta' filugranu

**8.1.** Iċ-*Chairman* stieden lill-Viċi-Sindku jressaq il-kummenti tiegħu dwar is-suġġett hawn fuq msemmi.

**8.2.** Wara diskussjoni qasira fejn matula l-Viċi-Sindku ta rendikont ta' ittra ref Nru. K589/07, li kopja tagħha ntbagħtet ma' l-aġenda (ara *appendix* Nru: 5) il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku, ma' l-organiżazzjoni ta' wirja t'Arti Astratta u filugranu fis-Sala tal-Komunita' u ma' l-ispejjeż involuti biex din tkun tista' titella' kif ukoll, mal-korsijiet tal-filugranu.

## 9. Approvazzjoni t'Estenzjoni tal-Korsijiet tal-*Ganutell, Crochet,* Bizzilla u approvazzjoni ta' l-Għalliema

**9.1.** Iċ-*Chairman* stieden lill-Viċi-Sindku jressaq il-kummenti tiegħu dwar is-suġġett hawn fuq msemmi.

**9.2** Il-Viċi-Sindku spjega li wara li tkellem ma' l-għalliema preżenti, s-Sinjura Alexandra Galea, kien qed jipproponi li l-korsijiet fis-suġġetti hawn fuq msemmija jiġu estiżi għal għaxar ġimgħat oħra, jsiru mill-istess għalliema, l-ġranet jitnaqqsu minn tlieta għal tnejn u ma jkunux marbutin

ma' suġġett partikulari iżda jkunu aktar fuq bażi ta' *crafts centre* kif ukoll, il-prezz jonqos minn €1,164.69 (Lm500.00) għal €372.70 (Lm160.00).

Wara diskussjoni qasira, l-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri ma' dak li qal il-Viċi-Sindku nkluż il-ħlas lis-Sinjura Alexandra Galea.

**10. Impenn**

**10.1.** Iċ-*Chairman* fetah id-diskussjoni u qal li invista tal-fatt, li l-gazzetta tal-Kunsill fil-maġġoranza tagħha tiġi ppreparata minnu u hi mpenjattiva ħafna, kien qed jipproponi li din tinħaeġ mill-anqas darba kull sitt xhur.

F'dan l-istadju stieden lill-membri preżenti jressqu l-kummenti tagħhom.

Il-Viċi-Sindku qal, li hu jaqbel ma' dak li qal iċ-*Chairman* u dan minħabba l-fatt, li mhux kull darba ssib il-materjal neċessarju meta tkun frekwenti kif ukoll, din jista' jkollha effett fuq il-*budget* għar-raġuni li t-tqassim tagħha m'għadux possibbli li jsir mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li hu kien tal-fehma li l-gazzetta tal-Kunsill għandha toħroġ darba kull tlett xhur u li għaliha kien hemm diġa' flus ivvutati fil-*budget.*

Il-Kunsillier Anthony Abela qabel mal-Kunsillier Joe Camilleri kif ukoll, żied jgħid, li l-*feedback* li rċieva kien li din ħarġet tard wisq.

Iċ-*Chairman* rrimarka li l-ewwel ħarġa tal-gazzetta ħaditlu aktar minn xahar u nofs biex pprepara l-materjal għaliha kif ukoll, li wieħed irid jieħu nkonsiderazzjoni li hu kien impenjat ħafna bix-xogħol tiegħu personali.

Il-Viċi-Sindku qal, li jekk xi ħadd mill-Kunsill iħoss li jista' jidħol responsabbli għall-gazzetta u jagħmilha darba fix-xahar għalkemm ikun hemm l-*extra costs* tat-tqassim tagħha kif spjega aktar 'l fuq, dan jista' jieħu din ir-responsabilita'.

Il-Kunsillier Albert Rizzo qal, li filwaqt li ma riedx joħloq polemiċi, madanakollu jħoss li l-perjodu ta' tlett xhur ta' bejn ħarġa w oħra kien adekwat għaliex in-nies kienu aċċana biex ikunu jafu x'qed jagħmel il-Kunsill.

Wara din id-diskussjoni, tressqet proposta miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li l-gazzetta tal-Kunsill toħroġ kull erba' xhur.

Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta.

## 11. Affarijiet Oħra

**11.1.** Il-Kunsill qabel unanimament b'mozzjoni mressqa miċ-*Chairman*, ssekondata mill-Viċi-Sindku li;

i l-*party* tal-ħaddiema jsir fil-21 ta' Diċembru 2007 fis-Sala tal-Komunita', l-ispejjeż għal liema ġew approvati fil-laqgħa preċedenti kif ukoll, fit-28 ta' Diċembru 2007, fl-istess Sala jsir il-*party* għall-Anzjani.

ii tingħata d-donazzjoni bħalma ssir kull sena ta' €116.47 (Lm50.00) lill-Istrina 2007.

iii. fil-ġranet 24, 26 u 31 ta' Diċembru 2007 u 2 ta' Jannar 2008, il-Kunsill jaħdem bi *skeleton staff*.

iv. mit-Tnejn 24 ta' Diċembru 2007 sa l-Erbgħa 2 ta' Jannar 2008, ma jinħarġux permessi relatati ma' kostruzzjoni.

**11.2.** Il-Kunsillier Albert Rizzo staqsa x'azzjoni kienet ittieħdet rigward id-*detachable bollards* ta' quddiem Maxims fi Triq ix-Xatt kif ukoll, dwar il-permessi li qed jinħarġu f'isem is-*Savoy Gardens* meta l-Kunsill kien iddeċieda li ma jinħarġulux permessi kemm –il darba ma jħallasx l-ammont pendenti liema deċiżjoni, qatt ma ġiet irtirata.

Il-Kunsillier Joe Camilleri qal, li fir-rispett tal-*bollards* xtaq jagħmel kuntatt ma' l-A.D.T. biex il-Kunsill jivverifika jekk dawn jistgħux isiru tal-*plastic* u l-prezz tagħhom filwaqt, li rigward il-permessi għas-*Savoy Gardens*, ried ukoll jivverifika jekk il-Kunsill jistax iżomm il-permessi.

Il-Viċi-Sindku qal, li kien hemm diġa' sentenza mill-Qorti fuq każ f'Tas-Sliema iżda kull każ irid jiġi vverifikat fuq il-mertu tiegħu.

Iċ-*Chairman* qal, li jekk il-permessi jinħarġu fuq ditti oħra li jkunu qed jaħdmu fuq l-istess sit, il-Kunsill irid joqgħod attent minħabba l-fatt, li fil-Liġi teżisti l-klawżola tal-*pretended right* u żied jgħid, li rigward din il-materja, l-Kunsill ried jagħmel kuntatt ma' l-Avukat Dott. Edward Woods.

**11.3.** Iċ-*Chairman* awgura l-Festi t-Tajba lil kulħadd.

## 12. Laqgħa Oħra

**12.1.** Peress li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fl-4.15 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott. Chris Bonett LL.D.<br>Sindku | Rowena M. Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.<br>Segretarju Eżekuttiv |

# Quotation for Library Photocopier

| Council Requests | Supplier | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Strand Electronics | | Advanced Tele Sys | | Integrated Elect Ltd | | Office Group Ltd | | Alfa Co. Ltd | | Avantech | |
| **Brand** | **Kyocera** | | **Ricoh** | | **Develop & Brother** | | **Konica Minolta** | | **Sharp** | | **Canon** | |
| | **Model** | **Price Vat Incl** | **Model** | **Price Vat Incl** | **Model** | **Price Vat Incl** | **Model** | **Price Vat Incl** | **Model** | **Price Vat Incl** | **Model** | **Price Vat Incl** |
| A4 Only | | | | | | | | | | | | |
| 12 ppm | | | | | | | | | AM400 | LM 150.00 | | |
| 16 ppm | FS1116 | Lm 185.00 | SP1000sf | LM 125.00 | | | | | | | | |
| 18 ppm | FS1118 | Lm 277.30 | | | | | | | | | | |
| 20 ppm | | | | | MFC7420 | LM 174.64 | | | | | | |
| 22 ppm | | | | | | | | | | | iR1022A | Lm 399.00 |
| A4 + A3 | | | | | | | | | | | | |
| 13 ppm | | | | | D-13F | Lm 371.70 | 130F | Lm 250.00 | | | | |
| 15 ppm | | | MP1500 | LM 399.00 | | | | | | | | |
| 16 ppm | KM1635 | Lm 342.20 | MP1600L | LM 472.00 | MP1600 | Lm 336.30 | 163 | Lm 340.00 | AR-5316E | Lm 320.00 | | |
| 20 ppm | KM 2035 | LM 413.00 | | | | | | | | | | |
| 30 ppm | | | | | | | | | | | iR2018 | Lm 425.00 |

Gzira Local Council

**Ref No: K587/119/07**

**December 2007 KLG5/11**

| **R/Sheet No:** | **Description** | **Value** | **Chq No:** |
|---|---|---|---|
| 362 | Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali Ċirk 84 – Laqgħa Sindki Gozo 30.11.07 – 01.12.07 | 53.00 €123.46 | 5133 |
| 363 | Melita Cable plc calls + Hello service 08.11.07 – 07.12.07 | 40.59 €94.55 | 5180 |
| 364 | Melita Cable plc invoice 24271993 monthly service 01.11.07 – 31.12.07 | 10.00 €23.29 | 5181 |
| 365 | MediaLink Comm. Co. Ltd. Invoice 03790629.50 Advert Tender GLC06/07 Activity Centre | €68.72 | 5182 |
| 366 | Union Print Ltd invoice 17669 – 2000 Blank envelopes | 23.60 €54.97 | 5191 |
| 367 | Union Press invoice 39376 Advert Tender 17.70 GLC06/2007 Activity Centre | €41.23 | 5192 |
| 368 | Standard Publications invoice 62274 Advert Tender GLC06/2007 Activity Centre | 28.32 €65.97 | 5193 |
| 369 | Gżira United Football Club re K554/73/07 re parti spejjeż approved 09/11/07 | 150.00 €349.41 | 5154 |
| 370 | C.S.D. Office Trade inv. 18364 Stationery | 21.83 €50.85 | 5194 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 371 | Mr. Victor Tedesco invoice dated 16.11.07<br>8 Stilell u fustun fix-Xatt | 500.00<br>€1164.69 | 5195 |
| 372 | Go Invoice 8914536 Tel: 21334254/21341034<br>Calls Oct Rent November 2007 | 33.89<br>€78.94 | 5118 |
| 373 | Go Invoice 8915510 Tel: 21322157 Calls<br>October Rent November 2007 | 102.80<br>€239.46 | 5119 |
| 374 | Go Invoice 8914550 Tel: 21341616 Calls<br>October Rent November 2007 | 11.34<br>€26.42 | 5120 |
| 375 | Conmal Ltd invoice 1120 Shifting of Luminaire<br>in Sliema Road | 25.01<br>€58.26 | 5196 |
| 376 | Borg Hardware Store invoice 372 materjal<br>Librerija 306 | 27.33<br>€63.66 | 5197 |
| 377 | Cleansing Services Department invoice<br>ES/07/2007490 – October 2007 | 295.47<br>€688.26 | 5198 |
| 378 | Mr. Joseph Chetcuti – Monument bronze<br>William Apap | 150.00<br>€349.41 | 5155 |
| 379 | Eurosave Ltd Delivery Request 000253<br>1 Nativity Set | 73.50<br>€171.21 | 5149<br>5199 |
| 380 | The Toolbox invoice No: 6698 – 6667 – 6738<br>6747 – 6803 – 6805 | 66.27<br>€154.37 | 5200 |
| 381 | Stardelta inv No: 2738042 – 2738043 -2738046<br>2738047 – 2738053/55 – 2738052 | 89.42<br>€208.29 | 5201 |
| 382 | Joe Bugeja R.F.P. 7118 Services July to<br>September 2007 | 350.01<br>€815.30 | 5185 |
| 383 | G4S Security Services (Malta) Ltd invoice<br>23864 Less C/Note 23941 | 12.98<br>€30.24 | 5186 |
| 384 | M.I.T.T.S. Ltd invoice SIN019581 re Annual<br>Staffware Licence 2007 | 30.00<br>€69.88 | 5187 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 385 | Mr. Dunstan Attard Laqgħa Sindki Gozo Spejjeż Gozo Channel | 13.50 €31.45 | 5189 |
| 386 | Squire Bookshop invoice 6247 Stationery November 2007 | 33.75 €78.62 | 5190 |
| 387 | Squire Bookshop invoice 6263 Newspapers November 2007 | 13.48 €31.40 | 5188 |
| 388 | Master Enterprises Co. Ltd. Invoice 4087 Floor Tiles for Public Library | 20.00 €46.59 | 5172 |
| 389 | Water Services Corp. invoice 9816742-4 period 06.07.07 to 04.10.07 Gżira Gardens | 6.67 €15.54 | 5202 |
| 390 | MediaLink Order No: 20390 Advert Librar | 29.50 €68.72 | 5206 |
| 391 | Water Services Corp. invoice 9816783-5 06.07.07 to 04.10.07 Promenade Gardens | 56.15 €130.79 | 5203 |
| 392 | 13 Distributions Ltd Booking Order No: 2603 – Impenn 1st issue Klg5 | 52.86 €123.14 | 5204 |
| 393 | Environmental Landscapes Cons. Invoice 003274 Soft Areas November 2007 | 950.01 €2212.93 | 5205 |
| 394 | Preżentata risposta – ittra Uffiċjali mill-Kumpanija GO re manhole cover Lm205.00 | 25.00 €58.23 | 5174 |
| 395 | GO plc invoice 9061776 tel: 21322157 calls November 07 Rent December 07 | 105.20 €245.05 | 5175 |
| 396 | GO plc invoice 9060809 tel: 21341616 calls November Rent December 2007 | 13.67 €31.84 | 5176 |
| 397 | GO plc invoice 9060794 Tel: 21334254/ 21341034 Calls Nov. Rent December 07 | 42.64 €99.32 | 5177 |
| 398 | Conmal Ltd invoice 1117 maintenance bozoz U shape & Single Bollards | 58.72 €136.78 | 5207 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 399 | Conmal Ltd invoice 1118 maintenance bozoz | 28.74 €66.95 | 5208 |
| 400 | Conmal Ltd invoice 1124 Timers Ġnien u Promenade | 8.00 €18.63 | 5209 |
| 401 | Conmal Ltd invoice 1128 Maintenance bozoz | 34.00 €79.20 | 5210 |
| 402 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 8329 job No: 6983 – Road markings | 94.58 €220.31 | 5229 |
| 403 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 8331 job No: 6985 Road Markings | 2.01 €4.68 | 5230 |
| 404 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 8330 job No: 6984 Road Markings | 65.74 €153.13 | 5231 |
| 405 | D.O.I. Advert għall-Librar | 4.00 €9.32 | 5150 |
| 406 | Road Maintenance Services Ltd Housing Embellishment Claim 1 | 1696.11 ) €3950.87 ) | |
| 407 | Road Maintenance Services Ltd Housing Embellishment Claim 2 | 1738.36 ) €4049.29 ) | |
| | Total: | €8000.16 | 5283 |
| 408 | M.I.T.T.S. invoice SIN019726 Maintenance & Connectivity October to December 07 | 205.00 €477.52 | 5211 |
| 409 | Bitmac Works Ltd. – Asfalt temporary patching Nazju Ellul Street | 6.16 €14.35 | 5179 |
| 410 | J. Lautier Co. Ltd. – three iron flat bars | 11.68 €27.20 | 5178 |
| 411 | Mr. Joe Borg Spejjeż papri Ducks Village December 2007 | 20.00 €46.59 | 5212 |
| 412 | Koperattiva Tabelli u Sinjali invoice 8377 Job No: 6852 Traffic Signs | 91.44 €213.00 | 5232 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| 413 | Allied Newspapers invoice ASI262019<br>advert Librarian | 35.40<br>€82.46 | 5213 |
| 414 | Mr. Emanuel Mifsud invoice 2397614<br>Door to Door Collection December 07 | 2400.00<br>€5590.50 | 5225 |
| 415 | Mr. Emanuel Mifsud invoice 2397615<br>Hire of Skips December 2007 | 185.83<br>€432.87 | 5226 |
| 416 | Mr. Emanuel Mifsud invoice 2397616<br>Public Convenience November 2007 | 358.92<br>€836.06 | 5214 |
| 417 | Mr. Emanuel Mifsud invoice 2397617<br>Bulky Refuse Nov 07 – 167 Calls | 392.45<br>€914.16 | 5215 |
| 418 | Dr. Edward Woods Legal Advisor<br>October/November/December 2007 | 212.40<br>€494.76 | 5217 |
| 419 | Mr. Mario Magro Conti Accountant<br>October/November/December 2007 | 180.00<br>€419.29 | 5218 |
| 420 | Mr. Alfred Portelli Contract Manager<br>October/November/December 2007 | 320.01<br>€745.42 | 5219 |
| 421 | Union Press Co. invoice 39474 advert<br>Librar | 29.50<br>€68.72 | 5220 |
| 422 | Venture Trading invoice 10038 – Toner<br>Laser Printer | 52.00<br>€121.13 | 5221 |
| 423 | Sliema Plumbing Centre inv. dtd 11.12.07<br>re Public Library | 67.07<br>€156.23 | 5216 |
| 424 | Steve Farrugia invoice S11/07 Sweeping<br>Service Sundays & Mech. Sweeper Nov 07 | 162.50<br>€378.52 | 5228 |
| 425 | Steve Farrugia invoice SS11/07 Street<br>Sweeping & Grass Cutting Nov.07 | 2043.34<br>€4759.70 | 5227 |

Ref Nru. K570/12/07

30 ta' Novembru 2007

**Minuti tal-laqgħa li saret l-Ġimgħa 30 ta' Novembru 2007, fil-11.00 a.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill**

**Preżenti:**

Il-Viċi-Sindku Dunstan Attard, il-Kunsillieri Anthony Abela u Joe Camilleri, l-Kuntrattur Stephen Rene Farrugia flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Rowena M Borg.

**Materji Diskussi: Ħlas tas-Servizz tal-Knis – Ħdud u Festi**

A bażi tas-suġġett hawn fuq imsemmi u b'eżitu ta' l-ewwel laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Kuntrattur wara li s-Sur Stephen Rene Farrugia rebaħ il-kuntratt tas-servizz tat-Tindif fil-Gżira, rriżulta nuqqas ta' ftehim bejn dan ta' l-aħħar u l-Kunsill dwar l-operat tal-Ħdud u l-Festi.

Il-Kuntrattur spjega li fl-ammont ta' Lm21,790/€50,757.05 sottomess fil-kuntratt, assuma li l-Ħadd ma jaħdimx. Minn naħa tal-kuntratt jidher, li l-Kuntrattur hu responsabbli mit-tindif tal-lokalita' s-sena kollha nkluż l-Ħdud u l-Festi.

Il-Kuntrattur ikkonferma, li t-tindif tal-Ħdud jiswielu Lm3,847/€8,967.10 *per annum* u jekk ma jiġix kumpensat, dan l-ammont ikun telf għalih u għalhekk il-kuntratt kollu jkun f'diffikulta'.

Minn naħa tar-rappreżentanti tal-Kunsill, dawn ukoll kienu taħt l-impressjoni li x-xogħol li jsir l-Ħadd, kien suġġett għall-ħlas *extra* kif kien mal-kuntrattur preċedenti.

Fiċ-ċirkostanzi attwali jiġifieri

I S’issa l-ewwel xahar ta’ l-operat tal-kuntrattur il-membri tal-Kunsill preżenti għall-laqgħa kienu jħossuhom sodisfatti bir-rendiment tal-ħidma u ma xtaqux li dan jintilef

ii Li huma jemmnu li din hi sitwazzjoni ġenwina nfluwenzata mill-pratika kif tinħadem ma’ Kunsilli oħra, li l-Kunsillieri preżenti f’din il-laqgħa ser jirrakkomandaw lill-Kunsill biex jikkunsidra aġġustament fil-ħlas lill-kuntrattur ta’ Lm1,950/€4542.28 per annum, b’effett retroattiv mill-bidu tal-kuntratt.

iii Il-Kuntrattur jiċċara, li filwaqt li hu mhux kuntent b’dan l-ammont madanakollu, kien qed jaċċetta din il-kundizzjoni biex r-relazzjoni ta’ bejn żewġ partijiet, tibqa tajba.

Il-laqgħa ntemmet fl-11.30 a.m.

Rowena M Borg B.A. Dip Mgmt M.I.M.
Segretarju Eżekuttiv

Ref Nru.K589

Diċembru 2007

Il-Kunsill Lokali qed jipproponi li jagħmel wirja u jistieden lis-Sur Kevin Attard Artist mill-Gżira, biex itella wirja t'Arti astratta fis-Sala tal-Komunita'. Din l-inizjattiva hi ntenzjonata li tkun viċin il-ftuħ tal-Librerija Pubblika biex b'hekk ikun hemm aktar għarfien tal-Librerija u tħajjar Artisti oħra jorganizzaw wirja tax-xogħol tagħhom u -+s-Sala issir Ċentru t'Attivita' Artistika.

Id-dettalji tal-Wirja huma:

Natura: 26 biċċa t'Arti Astratta ta' Kevin Attard flimkien ma' wirja żgħira ta' xogħol ta' fulugranu mill-istess Awtur.

Waqt il-wirja jiġu mistiedna residenti biex japplikaw għal *session* ta' fulugranu u Kevin Attard lest li joffri bla ħlas kif ġej:

i Jipprovdi l-materja prima
ii Jipprovdi d-direzzjoni ta' xogħol fuq perjodu ta' sagħtejn
iii Jekk il-parteċipant ikun jixtieq jixtri l-biċċa tax-xogħol li jkun għamel, ikun jista' jagħmel hekk għas-somma ta' Lm3/€6.99. F'każ li ma jkunx irid jixtri, x-xogħol, li sar waqt is-*session*, dan isir propjeta' ta' Kevin Attard.
iv kull *session* tifoka fuq *item* wieħed eżempju s-Salib ta' Malta

| | |
|---|---|
| Data tal-ftuħ tal-Wirja | Is-Sibt 26 ta' Jannar 2008 fis-7.00 p.m. |
| Żmien t'esebizzjoni | Ġimgħatejn mit-Tnejn sal-Ġimgħa |
| Spejjeż għall-Kunsill | Inviti Lm20/€46.59 |
| *Exhibition Boards* | sar arranġament verbali mal-propjetarji ta' L-Orpheum biex nikkonvertu *dividers* f'*exhibition boards*. Din tirrikjedi spiża minima biex tissaħħaħ il-bażi tal-*boards*. B'dan l-arranġament, il-Kunsill ikun jista' jagħmel użu mill-*boards* kull meta jkunu disponibbli. |